**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 1 ta' Gunju 2022**

Numru 1

**Rikors Nru. 10/2021**

**Panta Marketing & Services Ltd**

**vs**

**Retail Solutions Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mis-socjeta konvenuta Retail Solutions Ltd (ritrattandi) wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-15 ta' Settembru 2021 li irriformat il-lodo tas-7 ta' Dicembru 2020 ghar-ragunijiet hemm imsemmija;

Rat ir-risposta ta' Panta Marketing & Services Ltd;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huma impernjati l-ilmenti tar-ritrattandi li tghid hekk:

Il-Qorti kkonsidrat l-eċċezzjoni preliminari mqajma mis-soċjetà appellata, jiġifieri dik li dan l-appell mhuwiex legalment sostenibbli stante li jindirizza għadd ta' punti ta' fatt li mhumiex sindakabbli minn din il-Qorti, filwaqt li s-soċjetà appellanta naqset milli tiċċita l-artikolu tal-liġi li fuqu qiegħda tibbaża l-aggravju tagħha. Il-Qorti kkonsidrat li t-tieni aggravju sollevat mill-appellanta ċertament li jittratta punt ta' liġi li jimmerita konsiderazzjoni fit-tul, partikolarment għaliex dak li jrid jiġi deċiż jolqot l-aktar element kruċjali tal-proċeduri arbitrali, iġifieri l-fattur tal-ekwità.

L-ewwel aggravju: [interpretazzjoni skorretta tal-provi esebiti]
Min-naħa l-oħra l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa dwar jekk it-Trubunal għamilx interpretazzjoni korretta tal-fatti kif esposti, wara li din sostniet li m'għandhiex tkun hi li twieġeb għad-dewmien fil-ħruġ taċ-ċertifikazzjoni tal-liftijiet, u fattwalment il-liftijiet ġew installati entro t-terminu ta' għaxar ġimgħat miftiehem fil-kuntratt. Il-Qorti tirrileva li anki d-diċitura li ntużat mis-soċjetà appellanta f'dan l-aggravju tagħha, tagħmel riferiment għall-mod kif it-Tribunal evalwa l-fatti ppreżentati quddiemu. Hawnhekk il-Qorti tagħmel parentesi u tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet rigward proċeduri li ilhom għaddejjin aktar minn ħmistax-il sena, dwar kuntratt li sar aktar minn sbatax-il sena ilu, li l-inqas ħaġa li trid il-Qorti hija li jkun hemm dubju minn xi parti jew oħra, dwar jekk saritx ġustizzja minħabba il-mod kif saret l-interpretazzjoni tal-fatti mit-Tribunal jew minn din il-Qorti. Min-naħa l-oħra l-liġi li tirregola arbitraġġi bħal dawn hija ċara, li l-appell jista' jkun biss fuq punt ta' liġi u mhux fuq punti ta' fatt, naturalment sabiex ma jiġix frustrat l-iskop ewlieni tal-proċeduri tal-arbitraġġ, jiġifieri dik li ssir ġustizzja bl-aktar mod spedjenti u skont il-prinċipji tal-ekwità, lil hinn mill-formaliżmu żejjed. F'dan il-każ jirriżulta li kien hemm bidla fl-Arbitru waqt il-kors tal-proċeduri, u l-proċeduri arbitrali ġew fi tmiemhom madwar ħmistax-il sena wara li nbdew. Din il-Qorti temmen bis-sħiħ li sabiex tkun tista' ssir ġustizzja mal-partijiet, hija m'għandhiex toqgħod lura milli teżamina l-atti fl-intier tagħhom, tiffamiljarizza ruħha mal-provi u mal-fatti kif seħħew, għaliex huwa hekk biss li tista' tassigura li ssir ġustizzja. Skont l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, it-Tribunal għamel interpretazzjoni skorretta tal-fatti, għaliex dan wasal għall-konklużjoni li l-commissioning u ċ-ċertifikazzjoni tal-liftijiet installati hija parti integrali mill-proċess tal-installazzjoni, u għalhekk is-soċjetà appellanta ma qdietx l-inkarigu tagħha entro t-terminu miftiehem fil-kuntratt. Wara li fliet l-atti, din il-Qorti sabet li minkejja li s-soċjetà appellanta kellha għaxar ġimgħat, bejn is-16 ta' Ġunju, 2004 u l-25 ta' Awwissu, 2004, sabiex tlesti l-installazzjoni tal-liftijiet inkwistjoni, sa lejlet l-inawgurazzjoni tal-kumpless Luxe Pavilion f'Novembru tal-istess sena, dawn kienu għadhom ma ġewx iċċertifikati bħala li jistgħu jintużaw. Mill-provi jirriżulta anzi li ċ-ċertifikazzjoni inkwistjoni kienet lesta u ġiet ippreżentata lis-soċjetà appellata fis-17 ta' Diċembru, 2004, u għalhekk s-soċjetà appellanta naqset milli tosserva t-terminu konċess lilha fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet. Il-Qorti mhix ser tidħol fil-mertu dwar jekk ix-xaftijiet kinux lesti għall-installazzjoni f'Ġunju 2004, meta l-appellanta bdiet l-installazzjoni tal-liftijiet, jew jekk kienx hemm snag list li nġabet għall-attenzjoni tal-esponenti tagħha, imma li kellha tiġi indirizzata minn terzi. Dawn huma punti ta' fatt li ġew ikkonsidrati u deċiżi mit-Tribunal, u jekk xejn s-soċjetà appellanta kienet tenuta li tressaq provi suffiċjenti sabiex tikkonvinċi lit-Tribunal li hija ma kellha x'taqsam xejn maċ-ċertifikazzjoni ta' dawn il-liftijiet u għalhekk hija tassew qdiet l-inkarigu mogħti lilha entro t-terminu stipulat fil-kuntratt. Il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-punti ta' fatt m'għandhomx jiġu kkonsidrati ulterjorment minnha f'dan l-istadju ta' reviżjoni, u għalhekk dwar l-ewwel aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta dwar il-mod kif it-Tribunal interpreta l-fatti li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, tista' tieqaf hawn.

It-tieni aggravju: [interpretazzjoni skorretta tal-artikoli 1118 et seq tal-Kap. 16]
Is-soċjetà appellanta tgħid li l-penali stabbilita mit-Tribunal fl-ammont ta' €46,820.48, hija penali eċċessiva u skorretta u tmur lil hinn mill-prinċipji applikabbli f'ċirkostanzi simili. Tgħid li fi tmiem il-proċeduri arbitrali s-soċjetà appellanta ser tispiċċa b'lift li ma

ħallset xejn tiegħu u b'€40,000 kumpens għad-danni. Tgħid li d-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi Ċivili jistipulaw li l-penali hija forma ta' kumpens għall-ħsara li jbati l-kreditur minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali, u l-penali trid tkun relatata mal-ħsara li jilmenta dwarha l-kreditur. Tgħid li f'dan il-każ is-soċjetà appellata ma ġabet l-ebda prova li hija sofriet xi forma ta' danni, u l-inawgurazzjoni tal-kumpless xorta waħda saret meta kellha ssir. Tgħid li minkejja li r-regola prinċipali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti hija pacta sunt servanda, fl-istess waqt il-kuntratti jridu jiġu esegwiti in bona fede, u l-penali ta' LM300 għal kull ġurnata ta' dewmien, għandha titqies li hija eċċessiva meta wieħed jikkonsidra li l-valur tal-kuntratt mogħti kien ta' LM5,000. L-appellanta ssostni li interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kodiċi Ċivili kellha tkun fis-sens li t-Tribunal kellu d-dmir li jemenda u jirriduċi l-penali li għandha titħallas ta' kull jum għal waħda aktar ġusta.

Is-soċjetà appellata laqgħet għal dan billi wieġbet li s-soċjetà appellata daħlet għall-kuntratt tas-16 ta' Ġunju, 2004 b'mod liberu u volontarju, mingħajr ma laħqet fasslet pjan ta' azzjoni dwar kif kien ser isir ix-xogħol, qabel intrabtet bit-terminu stipulat fil-kuntratt. Qalet li l-ftehim huwa l-liġi bejn il-partijiet, u għandu jiġi osservat il-prinċipju taċ-ċertezza legali fir-rigward tal-obbligazzjoni li ġiet ikkuntrattata bejn il-partijiet. Qalet ukoll li kwalsiasi tnaqqis fil-penali li trid tiġi likwidata, għandha ssir strettament skont dak li jipprovdi l-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili.

L-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

(1) Il-Qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali ħlief f'dawn il-każijiet:
(a) Jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita;
(b) Jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-parti hekk esegwita, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tal-kreditur, tkun biċ-ċar tiswielu. Iżda, f'dan il-każ, ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat għall-penali, ikun irrinunzja espressament għal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.
(2) Meta skont dan l-artikolu, il-penali għandha tiġi mnaqqsa, it-tnaqqis għandu jsir fil-proporzjon tal-parti tal-obbligazzjoni li tkun baqgħet ma ġietx esegwita.

Huwa ċar li f'dan il-każ il-penali ġiet miftiehma bejn il-partijiet għall-eventwalità ta' dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni li ntrabtet biha is-soċjetà appellanta, u għalhekk li kieku l-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili kellu jingħata interpretazzjoni restrittiva, tendenzjalment il-Qorti kienet tieħu l-pożizzjoni li f'dan il-każ m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis tal-penali. Madanakollu l-Qorti ma tistax tinjora x-xejriet fil-ġurisprudenza lokali, li lkoll jindikaw ċaqliq favur it-temperament tal-penali li għandha tiġi likwidata in omaġġ tal-prinċipju li l-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in bona fede u l-likwidazzjoni tal-penali li ssir m'għandhiex tħalli riżultati 'assurdi'. F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal deċiżjoni li ssemmiet waqt it-trattazzjoni mill-partijiet, fl-ismijiet Mary Calleja Urry et vs. Joseph Portelli et [Qorti tal-Appell (Superjuri), 25.02.2011], fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Jidher għalhekk li l-idea hi li l-penali eċċessivi jistgħu jiġu riveduti u mibdula. Fil-fehma tal-Qorti din is-sistema hi dik li l-aktar tagħmel sens in kwantu tiżgura li irrispettivament ta' dak li jkunu ftehemu l-partijiet, ma tinħoloqx il-possibilità li jkun hemm konsegwenzi assurdi. Fil-liġi Maltija ma nsibu l-ebda provvediment li jgħid li l-Qorti għandha l-jedd li tnaqqas il-penali fejn din tirriżulta li hi eċċessiva. Il-prinċipju ġenerali hu li l-kuntratt jirrifletti l-ftehim tal-partijiet u l-kuntratt għandu jkun eżegwibbli. L-atturi għamlu riferenza għal sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħ. J.R. Micallef) fl-ismijiet Baggit Enterprises Limited vs Jeffrey Chetcuti et deċiża fil-15 ta' April, 2002 fejn ġie osservat il-prinċipju li ftehim bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi

bejniethom "... u l-ebda qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ġġibu ma jiswiex." F'każ deċiż mill-Qorti Suprema tal-Kanada, Elsey vs J.G.Collins Insurance Agencies Ltd (7 ta' Marzu, 1978) ġie osservat: "It is now evident that the power to strike down a penalty clause is a blatant interference with freedom of contract and is designed for the sole purpose of providing relief against oppression for the party having to pay the stipulated sum. It has no place where there is no oppression." Fix-xena lokali, fil-kawża fl-ismijiet Michael Pace vs Richard Micallef proprio et nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 2004: "... hemm sproporzjon astronomiku bejn il-quantum tal-inadempjenza tal-konvenut appellant riskontrata bis-sentenza tat-2 ta' Frar, 1994, u l-quantum tal-penali likwidata fis-sentenza tal-20 ta' Marzu, 1997 bħala kumpens biex tagħmel tajjeb għall-istess inadempjenza ... Dik il-Qorti però injorat għal kollox id-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 993 invokata mill-appellant li tesiġi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi u li dawn jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi. Din il-Qorti tifhem li fil-kunċett tal-bona fidi jidħol ukoll ċertu element ta' ekwità kif ukoll ta' sens prattiku u morali li jiġi vjolat mhux biss meta konfrontat b'aġir speċifiku doluż biex jagħmel il-ħsara, iżda wkoll b'dak il-komportament li jkun għal kollox sproporzjonat u li ma jkunx aċċettabbli skont in-normi stabbiliti tas-soċjetà u tal-loġika ġuridika." F'din il-kawża l-Qorti kienet irriduċiet drastikament l-ammont dovut lill-attur bħala penali u osservat ukoll li: "Il-ħsieb ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward hu rifless fil-massima tad-dritt komuni li għal sekli sħaħ iddomina l-kontinent Ewropew: in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit." (fn. Massima legali li reġgħet saret riferenza għaliha mill-istess Qorti kif presjeduta fil-kawżi fl-ismijiet George Agius et vs Charles v. Schembri noe et deċiża fl-14 ta' Lulju, 2005 u Lorenza Spiteri et vs George Debono et deċiża fl-10 ta' Mejju, 2007). Wieħed jista' jitħajjar jargumenta kontra l-eżerċizzju li għamlet il-Qorti tal-Appell fuq il-prinċipju li: "... il-prinċipju jibqa' l-istess, ċioe dik tal-libertà kontrattwali bil-korollarju tiegħu li l-eċċezzjonijiet għal dik il-libertà m'għandhomx jiġu estiżi lil hemm mil-limiti tal-liġi li tistabbilixxi l-eċċezzjoni ... l-art. 1035 tal-Kodiċi Ċivili, li jagħti lill-kuntratti magħmulin skont il-liġi s-saħħa tal-liġi stess, li hija l-aqwa liġi, ċioe l-liġi tal-partijiet, il-mezz u l-miżura tal-indipendenza personali tagħhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi. Kif hu risaput il-kuntratti huma wieħed mill-aqwa, jekk mhux l-aqwa, sorġenti tal-obbligazzjoni obligatio est juris vinculum." (Avukat Dr Giuseppe Maria Camilleri vs William Parkey nomine deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Settembru, 1973). Ir-raġunament adottat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 2004 ġie applikat ukoll fis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħ. J.R. Micallef) fl-ismijiet Mary Rose sive Mary Falzon Sant Manduca vs Mario Grima tat-8 ta' Marzu, 2005 ("B'applikazzjoni tal-massima in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu 'ridimensjonati' jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli 'skont in-normi stabbiliti tas-soċjetà u l-loġika ġuridika."), u tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħ. T. Mallia) tad-19 ta' Jannar, 2006 u mogħtija fil-kawża Angelo Bartolo nomine vs Emanuel Zammit li mxew fid-direzzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell. F'din l-aħħar kawża għalkemm it-talba kienet għall-ħlas ta' LM68,250 bħala penali għad-dewmien fit-tlestija ta' appalt li kien jikkonsisti fil-bini ta' aktar sulari f'lukanda, il-Qorti rriduċiet is-somma għal LM25,000 fuq bażi ta' arbitrio boni viri. Prof.Victor Caruana Galizia spjega li l-buona fede fit-twettiq tal-kuntratti "... Should be the reciprocal loyalty of the parties; they should never be allowed to evade the faithful performance of the contract by deviating from what their intention is presumed to have been at the moment the contract was concluded." (Notes on Civil Law, Laws III Year (Riveduti minn Profs. J.M. Ganado). 1978 paġna 288).

3. ... Il-prinċipji rilevanti fir-rigward tal-materja ta' penali li jirriżultaw mill-provvedimenti tal-liġi, huma s-segwenti:-

"(a) Penali hu ftehim volontarju li għandha bħala wieħed mill-iskopijiet tagħha li tiddiswadi lid-debitur milli jibqa' inadempjenti fit-twettiq tal-obbligazzjoni. Min-naħa l-oħra jekk l-iskop ta' prevenzjoni tibqa' mhux rejalizzata, il-klawsola penali hi mezz ta' ripressjoni in kwantu l-piena pattwita fil-klawsola tissanzjona l-komportament illeċitu tad-debitur.
(b) Penali hi kumpens għall-ħsara li jsofri kreditur minħabba nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni prinċipali mid-debitur (artikolu 1120 (1)) (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Geraldo Vella vs Av. Dr. Joseph Fenech nomine tal-5 ta' Ottubru, 1957 (Vol. XLI.ii.1108). Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) (per Imħ. P. Sciberras) fis-27 ta' Frar, 2008 fl-ismijiet Emanuel Borg vs The Two Divers Company Limited ġie osservat: "M'hemmx dubju illi klawsola penali f'kuntratt għandha funzjoni essenzjalment riżarċitorja intiża biex tiffissa b'mod preventiv, u anke b'mod vinkolanti, l-ammont tad-dannu f'każ ta' dewmien jew ta' inadempiment. F'dan is-sens jinsab ritenut illi l-klawsola penali 'e una convenzione accessoria che serve di mezzo per rafforzare la obbligazione principale e rappresenta la valutazione convenzionale dei danni sofferti dal creditore per l'inadempimento o per la mora. Essa quindi riveste il triplice carattere di obbligazione accesoria, di mezzo coercitivo e di indennizzazzione convenzionale." (Geoffredo Chretien nomine et vs John Cianco, Appell Kummerċjali, 13 ta' April, 1921). Rilevanti li jiġi ċitat dak li l-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) kompliet tgħid: "Da tale nozione deriva che natura e fine della clausola penale e' non soltanto quella di offrire al creditore un mezzo di coazione contro il debitore ma bensi di provvedere ad una liquidazione preventiva dei danni risarcibili al creditore in caso di inadempimento o ritardo. Ne deriva ancora che quando la pena adietta ad un'obbligazione principale per assicurarne l'adempimento non riveste I detti tre caratterii riuniti non deve essere interpretata ed applicata coi criteri e con le norme che sono propri della clausola penale, ma la sua interpretazione ed applicazione vanno regulate secondo I principii di ditto che meglio corrispondono alla natura ed al fine speciale della pena stessa."

(ċ) Kreditur jista' jaġixxi għat-twettiq tal-obbligazzjoni prinċipali minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun inkorra d-debitur (artikolu 1120 (2)). Kreditur ma jistax jitlob il-ħaġa prinċipali u l-penali flimkien, ħlief meta l-penali tkun ġiet pattwita għad-dewmien biss (artikolu 1120 (3)).

(d) Id-debitur jaqa' fil-penali meta jsir ħati ta' dewmien, bħalma jingħad fl-artikolu 1130 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), fis-sens li fejn l-obbligazzjoni tkun li jagħmel u jiġi pattwit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-għeluq ta' dak iż-żmien."

Mill-atti jirriżulta li s-soċjetà appellanta minn jeddha aċċettat il-klawsola tal-penali, minkejja li kienet taf bid-diffikultajiet li kienet ser issib hekk kif tibda l-istallazzjoni tal-liftijiet fuq il-post. Din ma kinitx l-ewwel darba li s-soċjetà appellanta installat liftijiet fil-kumpless inkwistjoni jew fil-kumpless Portomaso, u għalhekk din kienet taf tajjeb, kif jirriżulta mix-xhieda ta' Charles Barbara, li f'siti kbar bħal dawn, aktarx li ser issib ċerti problemi ta' nuqqas ta' tlestija tax-xogħol preparatorju qabel hija setgħet tibda bl-installazzjoni tal-liftijiet. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-lanjanza ewlenija tas-soċjetà appellanta hija dwar il-quantum tad-danni li hija sfat esposta għalihom bil-ftehim bejn il-partijiet. Huwa aktar minn evidenti li meta l-appalt inkwistjoni kien jiswa ftit aktar minn LM6,000 (jew madwar €12,000), penali ta' €700 għal kull ġurnata ta' dewmien tista' titqies li hi eċċessiva, partikolarment meta wieħed iqis li b'kollox kien hemm perijodu ta' 75 ġurnata li matulhom kienet għadha ma ħarġitx iċ-ċertifikazzjoni tal-liftijiet, minkejja li dawn kienu installati, u kontra kull liġi u regolament kienu qegħdin jintużaw ukoll. Is-soċjetà appellanta tgħid li ma tkunx qiegħda ssir ġustizzja jekk

apparti li ser tkun ħadet il-liftijiet, is-soċjetà appellata ser tingħata kumpens ta' aktar minn €40,000 għal dan id-dewmien. Il-Qorti ttendi li taqbel ma' din il-linja ta' ħsieb, partikolarment quddiem ċirkostanzi fejn il-partijiet irrikorrew għall-proċedura tal-arbitraġġ proprju bl-iskop li l-vertenza ta' bejniethom tinqata' skont il-prinċipji tal-ekwità. Il-Qorti hija tal-fehma li huwa hawn fejn interpretazzjoni stretta tal-klawsola tal-penali naqset milli tagħmel ġustizzja bejn il-partijiet, partikolarment meta wieħed iqis li l-liftijiet installati kienu qegħdin jintużaw mis-soċjetà appellata, kif ukoll meta wieħed iqis il-valur tal-kuntratt li ngħata lis-soċjetà appellanta, meta mqabbel mal-penali li hija ġiet obbligata li tħallas mit-Tribunal. Il-Qorti tqis li t-tmint ijiem penalty-free li kkonċeda t-Tribunal huma ftit wisq u wasslu għal-likwidazzjoni ta' penali li hija relattivament eċċessiva u eżorbitanti. Il-Qorti kkonsidrat ukoll li f'dan il-każ, il-proċeduri arbitrali ġew istitwiti mis-soċjetà appellanta għaliex din kien għad kellha bilanċ x'tirċievi mingħand is-soċjetà appellata, u li kien biss fil-kontrotalba li s-soċjetà appellanta ressqet xi forma ta' pretensjoni għall-ħlas tal-penali spettanti lilha. Il-Qorti sejra għalhekk tittempera l-ammont tal-penali li għandha titħallas mis-soċjetà appellanta lis-soċjetà appellata għal għaxart elef Euro (€10,000).

Decide
Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi:
1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel aggravju stante li huwa bbażat fuq punti ta' fatt;
2. Tikkonferma l-lodo appellat limitatament inkwantu dan laqa' t-talba tas-soċjetà appellata;
3. Tilqa' t-tieni aggravju b'mod limitat, fis-sens li qiegħda tirriforma l-lodo arbitrali appellat, billi tiddikjara li l-penali likwidata mit-Tribunal hija eċċessiva meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Għalhekk il-Qorti qiegħda tillikwida arbitrio boni viri l-penali li għandha titħallas mis-soċjetà appellanta lis-soċjetà appellata fis-somma ta' għaxart elf Euro (€10,000);
4. Tordna t-tpaċija tal-imsemmija penali kif likwidata, mal-ammont dovut lis-soċjetà appellanta;
5. Tordna lis-soċjetà appellanta tħallas lis-soċjetà appellata s-somma ta' tlett elef, tmin mija u ħamsa u għoxrin Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€3,825.25).
L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu 70% a karigu tas-soċjetà appellanta u 30% a karigu tas-soċjetà appellata.

## Ikkunsidrat

L-aggravju tar-ritrattandi huma s-segwenti:

1. Li saret applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jistabilixxi illi:

> Thassir ta' sentenza ghal din ir-raguni jinghata biss meta l-qorti tapplika ligi hazina flok dik illi kienet tassew applikabbli ghall-kaz. Ma jinghatax meta l-kwistjoni tkun 'dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni' (**Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd**, App 19/05/2011)
>
> L-interpretazzjoni tal-ligi ma tistax taghti lok ghal ritrattazzjoni. Sabiex ikun hemm jedd ghal ritrattazzjoni taht din id-disposizzjoni, il-qorti trid tkun applikat disposizzjoni ta' ligi flok ohra (ara sentenza ta' din il-qorti

> **Bank of Valletta plc vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et,** App 09/05/2017).

Is-socjeta ritrattandi qed tissottometti li l-Qorti tal-Appell ma setghetx tirriduci l-ammont ta' penali moghtija fil-lodo arbitrali *arbitrio* u *boni viri* u b'sens ta' ekwita tirriduci tali ammont meta tali diskrezzjoni mhix fis-setgha taghha skont l-artikolu 45(2) u (3) tal-Kap. 387.

Dawn is-subincizi tal-artikolu 45 jghidu hekk:

> (2) It-tribunal tal-arbitragg ghandu jiddeciedi bhala amiable compositeur jew ex aequo et bono biss jekk il-partijiet ikunu espressament awtorizzaw lit-tribunal tal-arbitragg li jaghmel hekk.
> (3) F'kull kaz, it-tribunal tal-arbitragg ghandu jiddeciedi skont il-patti tal-kuntratt u ghandu, jekk dan ikun relevanti, iqis kull użu kummercjali li jkun japplika ghal dik it-transazzjoni.

Is-socjeta ritrattandi tissottometti li l-Qorti tal-Appell inkorriet zball ta' ligi meta ma aderietx ruhha mal-Kap. 387 billi dan kien appell minn lodo arbitrali u kwindi skont l-artiklu rilevanti tal-Kap. 387 fejn il-partijiet ma awtorizzawx lill-arbitru jiddeciedi l-kaz *ex arbitrio et bono* ma seta' jsir ebda tnaqqis. Il-klawsola penali kienet kondizzjoni pattwita u kellha tigi osservata *ad unguen* skont il-principju tal-*pacta sunt servanda*. Il-Qorti ma setghetx tapplika l-ligi civili senjatament l-artikolu 1122 u tuza l-principju tal-ekwita meta tali principju kien eskluz minn natura stess tal-ftehim, abbinat mal-klawsola arbitrali fl-istess ftehim. Kwindi s-sottomissjoni hi li l-Qorti kellha tindirizza l-appell biss mill-ottika tal-Kap. 387.

Din il-Qorti ma taqbilx. Waqt it-trattazzjoni l-Qorti talbet sottomissjonijet fuq il-portata tal-artikolu 45(1) tal-Kap. 387 li jghid hekk:

> (1) It-tribunal tal-arbitragg ghandu japplika, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, dik il-ligi li tigi indikata mill-partijiet bhala applikabbli ghall-mertu tat-tilwima. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni bhal dik mill-partijiet, it-tribunal tal-arbitragg ghandu japplika l-ligi ta' Malta inkluzi r-regoli fil-ligi ta' Malta dwar konflitt ta' ligijiet.

Qari ta' dan is-subinciz juri illi l-kriterju tal-arbitru dwar l-uzu tal-ligi rilevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza trid tohrog mill-partijiet. F'dan il-kaz hu car, anki mis-sottomissjoniet u d-decizjoni tal-arbitru illi l-ligi rilevanti ghal kaz u

senjatament ghal klawsola dwar il-penali hi l-ligi civili Maltija. Tant hu hekk illi l-arbitru stess xtarr u iddetermina l-kwistjoni tal-penali b'referenza ghal artikolu 1122 tal-Kap. 16 (ara fol. 42 et seq tal-lodo arbitrali) u li dwaru r-ritrattandi ma kellha ebeda oggezzjoni tant li kienet l-appellata mill-lodo arbitrali quddiem il-Qorti tal-Appell.

Il-Qorti tal-Appell ma applikatx il-ligi hazina izda applikat il-ligi tajba, cioe l-artikolu rilevanti tal-ligi civili imma taghtu interpretazzjoni differenti minn dak tal-arbitru. Hawn ma jirrizultax applikazzjoni ta' ligi flok ohra izda l-applikazzjoni tal-ligi t-tajba b'interpretazzjoni differenti minn dik tal-arbitru ibbazata mhux biss fuq il-ligi izda fuq il-gurisprudenza. L-enfasi tar-ritrattandi ghall-artikolu 45(2) tal-Kap. 387 ma fihx rilevanza billi hu intiz sabiex l-arbitru jkun mitlub jiddeciedi skont l-ekwita u l-gustizzja anki jekk ma jkunx konsoni mal-ligi mentri f'dan il-kaz ma kellux dan l-inkarigu u ghalhekk kellha tigi applikata l-ligi kif fil-fatt sehh.

Ghalhekk l-aggravju tar-ritrattandi qed jigi michud.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta ritrattandi ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-15 ta' Settembru 2021 u kwindi tikkonferma fis-shih is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri. Spejjez ghas-socjeta ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur